# Meta l-Marsa saret Parroċċa

*Tagħrif miġbur minn Lorenzo Zahra*



Artiklu li laqatni fost ħafna li ġew f'idejja din is-sena kien dak ta' Lorenzo Zahra. Irrid ngħid li din is-sena kelli xalata ta' artikli u tagħrif x'naqra u nistqarr li dan l-artiklu sibtu konċis u preċis. Lorenzo, għalkemm huwa bniedem mill-Birgu dan ilu jgħix il-Marsa snin twal u b'hekk xi ftit jew wisq daħlet dik in-naqra namra u konnoxxenza tal-Marsa Tagħna u nemmen li sar iħobbha ukoll. Jien ili snin nafu jikteb xi artikli, daqqa fuq il-gazzetti, u oħrajn f'xi publikazzjonijiet tal-Marsa. Dan l-artiklu jitratta sew il-bidu tal-parroċċa tagħna li tant ngħożżu.

Fl-inħawi ta' ġewwa l-Port il-Kbir tagħna, l-artijiet kienu mogħtija bħala fewdu lin-nobbli Sqalli de Nava u allura bbakaw ruħhom fil-Kastell ta' Malta magħruf bħala Sant'Anġlu. Wara xi kmien ġie f'idejn il-familja Pignatelli u dan kien għadda l-artijiet tiegħu lill-Gran Mastru La Cassiere billi dawn kienu ġew f'din il-gżira. Dan il-Gran Mastru mbagħad għadda l-artijiet lill-Ordni ta' San Ġwann.

L-artijiet imsemmija kienu għammiela iżda l-inħawi ftit kien sar bini fihom għajr xi kmamar għas-sajjieda u l-bdiewa. Aktar 'il ġewwa kien imsejjaħ il-Menqa tas-Simar għaliex hemm kienet tinbet spiss din ix-xitla. Fl-inħawi maż-żmien uħud kienu bdew jikkunzaw il-ġlud u għalhekk ġieli jissejjaħ "il-kunzerija". Meta ġew l-Ingliżi riedu l-inħawi kennija tal-port wara l-Isla. Billi hemm kienu miġbura diversi kostrutturi tal-opri tal-baħar kellhom jitkeċċew u ġew obbligati bilfors biex imorru l-Marsa. Għalhekk dak iż-żmien, wieħed negozjant minn Bormla, is-Sur Zammit, kien għamel diversi mħażen permezz tal-Perit Doublet. Dan wassal sabiex ix-xatt Marsi jkun abitat u diversi familji jibdew jabitaw hemm viċin ix-xogħol tagħhom. Dan l-istess Sinjur ħasbilhom ukoll għall-bini ta' knisja Żgħira li ġiet iddedikata lil Madonna tal-Grazzja. Dan bla dubju sab l-għajnuna tal-awtorità li riedet li dawk l-inħawi jiġu żviluppati.

Il-bini biddel dawn l-inħawi tal-Marsa f'żona industrijali u kummercjali u żdiedu wkoll l-abitazzjonijiet. Fl-istess żmien beda jsir żvilupp fil-bċejjeċ tal-baħar billi beda jintuża l-ħadid u anki l-faħam kompla jżid ix-xogħol. Iżda issa l-Marsa kienet teħtieġ knisja akbar u għal dan l-iskop ħasbet il-familja Balbi.

Kien fl-20 ta' Ottubru 1909 meta b'manjiera tassew privata tqiegħdet l-ewwel ġebla għall-bini ta' knisja ordnata minn din il-familja. L-ewwel ġebla tqiegħdet mir-Reverendu Professur Manwel Vassallo bħala delegat tal-Arċisqof. Saret ċerimonja sempliċi li għaliha kienu mistiedna biss uħud magħrufa mill-familja Balbi li kienu l-benefatturi ta' din l-opra. Fosthom kien hemm ukoll Dun Guzepp li kien in-neputi tal-familja Balbi. Kien hemm ukoll Monsinjur Manwel Pullicino u dakinhar kienu wkoll inġabru xi nies mill-inħawi. Tqiegħdet u tbierket l-ewwel ġebla u wara l-Professur Vassallo għamel diskors li filli wera l-apprezzament u l-ħtieġa ta' knisja f'dawk l-inħawi u radd ħajr mill-qalb lil Alla li permezz tal-familja Balbi ħaseb għal din ħtieġa. Wara sar trattament fl-istess post offrut mill-benefatturi imsemmija li dakinhar stess ħabbru benefiċċju ieħor ta' rigal ta' għaxar Liri li waqqfu bħala legat taż-żwieġ għall-ewwel xebba li tiżżewweġ fil-knisja malli din tkun tlestiet.

Ix-xogħol beda jsir bid-direzzjoni tal-Perit Giovanni Debono u l-imgħallem is-Sur Caruana. Is-Sur Lorenzo Balbi kellu ħsieb li jqimha lill-qaddis tiegħu f'dan it-tempju iżda kien ħa l-parir tal-Arċisqof biex dan it-tempju jkun iddedikat lis-SSma. Trinità. Ix-xogħol mexa



parrocca l-ġdida meħuda minn Ħal Qormi, il-Ħamrun u Raħal Ġdid, iffirmat minn Mons. Arċisqof Pietru Pace u l-Provinċjal tal-Kapuċċini Patri Piju minn Għawdex.

Il-Knisja u l-Kunvent kienu mgħammra bil-ħtiġijiet kollha u ngħataw mill-benefatturi Lorenzo u Carmela Balbi lill-Ordni Franġiskan tal-Kapuċċini. Bħala memorja tad-devozzjoni li kellhom dawn il-benefatturi, il-protetturi tagħhom riedu li f'post prominenti fil-knisja msemmija jkun hemm artali, wieħed ta' San Lawrenz Martri u ieħor Madonna tal-Karmnu, bl-għan li jkunu mfakkra l-festi tagħhom. L-ewwel patrijiet kienu Patri Gaetano, Patri Bonaventura, Patri Mikiel, Patri Felic, Patri Rafel, Patri Luwigi, Patri Geraldu u Fra Lawrenz. Il-Kappillan kien Patri Piju filwaqt li l-Provinċjal kien Patri Tumas.

Matul din is-sena saru ħafna okkażjonijiet u ċelebrazzjonijiet minn tista' tgħid l-għaqdiet kollha li jaqgħu fi ħdan il-parroċċa. Tista' tgħid li kulħadd għamel xi tifkira għal dan l-avveniment uniku. Ringrazzjamenti speċjali jmorru direttament lill-għaqdiet li jaqgħu direttament taħt il-kappa tal-Parrocca u oħrajn li ħarġu b'aktar ċelebrazzjonijiet esterni fosthom il-Kumitat Festi Esterni u is-Soċjetà Mużikali Trinitá Qaddisa Marsa li t-tnejn li huma pproġettaw ħwejjeġ li wieħed jieħu gost bihom u ser jiġu imfakkra u jidgawdew matul is-snin.

quddiem u sar Tempju manjifiku stil tal-bażiliki Rumani ewlenin fuq stil Doriku u Rinaxximentali. Il-kolonni tal-irħam inġiebu minn Trapani. Toni Agius mill-Birgu kien l-iskultur tal-kapitelli u disinji dekorattivi oħra li żejnu dan it-Tempju. Id-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa wara li ngħatat artijiet minn parroċċi tal-qrib sar nhar it-12 ta' April 1913 u ġie pubblikat jumejn wara nhar il-15 ta' April meta kien deskritt ir-reġjun parrokkjali ta' din il-

